MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 515/2004/1

**Joseph u Dorothy Mifsud**

**v.**

**Anthony Bianchi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-appellant prezentat fl-10 ta' Jannar 2008, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tammettih ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament;

Rat l-atti relevanti; semghet bil-gurament lill-appellant fl-udjenza tal-lum; semghet ukoll lill-Avukat Dott. Patrick

Galea ghall-appellant u lill-Avukat Dott. David Farrugia Sacco ghall-appellati;

Rat l-Artikolu 904(1) tal-Kap. 12; peress li din il-Qorti mhix sodisfatta li l-appellant ma rnexxilux igib il-garanzija skond il-ligi; anzi hi tal-fehma li bi ftit sforz, ghaqal u previggenza huwa seta' isib il-garanzija mehtiega ghal dana l-appell fis-somma ta' ftit aktar minn elfejn u erba' mitt Euro;

Tichad it-talba.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------